

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1237

tal-25 ta' Awwissu 2020

li tawtorizza lir-Renju Unit japplika estensjoni għal ċerti perjodi speċifikati fl-Artikoli 3 u 11 tar-Regolament (UE) 2020/698 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*(notifikata bid-dokument C(2020) 5757)***(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2020/698 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 li jstabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 u rigward it-tiġdid jew l-estensjoni ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet u l-posponiment ta' ċerti kontrolli perjodiċi u taħriġ perjodiku f'ċerti oqsma tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) u l-Artikolu 11(4) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 131 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2020/698 jestendi l-validità tal-liċenzji tas-sewqan li kieku skadew jew jiskadu bejn l-1 ta' Frar 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020.
- (2) L-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2020/698 jestendi l-limiti taż-żmien għat-tlestija, mid-detentur ta' liċenzja ta' sewwieq tal-ferroviji, ta' kontrolli perjodiċi li kieku skadew jew jiskadu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020.
- (3) B'ittra bid-data tal-31 ta' Lulju 2020, ir-Renju Unit ippreżenta talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika estensjoni ta' erba' xhur għall-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 kif speċifikat fl-Artikolu 3(1) ta' dak ir-Regolament u estensjoni ta' erba' xhur għall-perjodu ta' seba' xhur, kif speċifikat f'dak l-istess Artikolu 3(1). Bl-istess ittra, ir-Renju Unit ippreżenta talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika estensjoni ta' erba' xhur għall-perjodu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020, kif speċifikat fl-Artikolu 11(2) ta' dak ir-Regolament.
- (4) Fir-rigward tal-liċenzji tas-sewqan skont id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾, skont l-informazzjoni pprovduta mir-Renju Unit, fil-Gran Brittanja l-Aġenzija għall-Ħruġ ta' Liċenzji tas-Sewqan u tal-Vetturi ("DVLA") hija responsabbli għall-ħruġ tal-liċenzji tas-sewqan u għandha d-*data* ta' 49 miljun detentur ta' liċenzji tas-sewqan u ta' aktar minn 40 miljun detentur ta' vetturi rreġistrati. Bħala medja, id-DVLA tirċievi madwar 1,6 miljun oġġett tal-posta kull xahar. Filwaqt li l-mezzi online tad-DVLA kienu disponibbli matul il-pandemija, hemm xi tranżazzjonijiet li jistgħu biss jitlestew billi titressaq applikazzjoni stampata flimkien mad-dokumentazzjoni ta' appoġġ. F'xi ċirkostanzi dan jinkludi t-tiġdid tal-liċenzji tas-sewqan. Kull xahar id-DVLA tirċievi aktar minn 200 000 applikazzjoni ta' tiġdid fejn is-sewwieqa jkollhom iġeddu l-perjodu ta' validità amministrattiva tal-liċenzja tagħhom jew l-intitolament tas-sewqan tagħhom minħabba li jkollhom 70 sena jew aktar. Dawk li jressqu l-applikazzjonijiet fuq il-karta jinkludu wkoll is-sewwieqa vokazzjonali li jkollhom iġeddu l-intitolament tagħhom biex isuqu trakkijiet u/jew karozzi tal-linja u dawk li jridu jġeddu liċenzja tas-sewqan medikament ristretta. Ir-Renju Unit jikkunsidra li dan jirrikjedi li jkun hemm numru konsiderevoli ta' persunal preżenti fil-faċilità tal-ħruġ ta' liċenzji DVLA biex jiġu proċessati u jinħarġu l-liċenzji mġedda. It-tiġdid tal-liċenzji tas-sewqan fl-Irlanda ta' Fuq jitwettaq mill-Aġenzija tas-Sewwieqa u l-Vetturi ("DVA"), li qed taffaċċja limitazzjonijiet simili fil-kapaċità tagħha li ġġedded il-liċenzji tas-sewqan bħad-DVLA.
- (5) Sabiex jiġi evitat u mrażżan it-tixrid tal-COVID-19, ġew introdotti rekwiżiti biex jingħalqu ċerti negozji u postijiet u restrizzjonijiet fuq il-moviment u l-ġemgħat tan-nies fl-Ingilterra u f'Wales fis-26 ta' Marzu (Ir-Regolamenti tal-Protezzjoni tas-Saħħa tal-2020 (Coronavirus, Restrizzjonijiet) (Ingilterra); Ir-Regolamenti tal-Protezzjoni tas-Saħħa tal-2020 (Coronavirus, Restrizzjonijiet) (Wales), fl-Iskozja fit-28 ta' Marzu (Ir-Regolamenti tal-Protezzjoni tas-Saħħa tal-2020 (Coronavirus, Restrizzjonijiet) (l-Iskozja) u fl-Irlanda ta' Fuq fit-28 ta' Marzu (Ir-Regolamenti tal-Protezzjoni tas-Saħħa tal-2020 (Coronavirus, Restrizzjonijiet) (l-Irlanda ta' Fuq).

⁽¹⁾ ĠU L 165, 27.5.2020, p. 10.⁽²⁾ Id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18).

- (6) Skont l-informazzjoni pprovduta mir-Renju Unit, id-DVLA għandha 6 000 membru tal-persunal li jaħdmu b'mod predominanti f'bini wieħed, fejn jitwettqu l-attivitàjiet kollha tal-ħruġ tal-liċenzji. Meta ġew imposti r-restrizzjonijiet minħabba l-COVID-19, id-DVLA kellha tnaqqas in-numru ta' persunal fil-post minn 6 000 għal 800, bi 300 membru tal-persunal biss fl-istadji bikrin ta' dawk ir-restrizzjonijiet. Dan kien ifisser li d-DVLA ma setgħetx tittratta l-istess volum ta' tranżazzjonijiet b'has-soltu. F'ċirkostanzi normali, kull xahar id-DVLA tipproċessa madwar 140 000 applikazzjoni tat-tiġdid fuq il-karta. F'April 2020, il-volumi pproċessati waqgħu għal inqas minn 13 000, filwaqt li f'Mejju 2020 dawn kienu f'it inqas minn 30 000.
- (7) Filwaqt li qed isir kull sforz biex tiżdied il-kapaċità, iż-żamma tal-miżuri ta' tbeġhid soċjali legalment meħtieġa għadha teżerċita impatt sinifikanti fuq in-numru ta' persunal li d-DVLA għandha disponibbli fi kwalunkwe ħin sabiex tkun tista' tipproċessa l-applikazzjonijiet. Il-liġi f'Wales, fejn id-DVLA għandha l-bini tagħha, teħtieġ li l-organizzazzjonijiet jieħdu l-miżuri raġonevoli kollha biex jiżguraw li tinżamm distanza ta' żewġ metri f'postijiet partikolari. In-numru ta' persunal li jista' jkun preżenti fil-faċilità li toħroġ il-liċenzji fi kwalunkwe ħin huwa ristrett attwalment għal madwar 1 600 — tnaqqis ta' 75 % mis-sitwazzjoni ta' qabel il-COVID-19. Minħabba f'hekk, in-numru ta' applikazzjonijiet ta' tiġdid li d-DVLA tista' tipproċessa attwalment huwa ħafna inqas minn 200 000 fix-xahar u mhux se jerġa' jirritorna għall-kapaċità normali qabel l-2021 mill-inqas.
- (8) Skont l-informazzjoni pprovduta mir-Renju Unit, il-previżjoni attwali hija li bejn l-1 ta' Settembru 2020 u l-31 ta' Diċembru 2020, id-DVLA se tirċievi madwar 1,5 miljun liċenzji tas-sewqan għat-tiġdid. Bħala parti minn dawn, id-DVLA qed tistenna li tirċievi madwar 200 000 applikazzjoni fuq il-karta kull xahar.
- (9) Skont l-informazzjoni pprovduta mir-Renju Unit, id-DVLA qed tkompli timplimenta miżuri addizzjonali biex ittaffi l-impatt tan-nuqqas sinifikanti tal-persunal. Madankollu, dawn il-miżuri mhumiex biżżejjed biex id-DVLA tkun tista' tirritorna għall-ipproċessar ta' 200 000 applikazzjoni fuq il-karta kull xahar. Dan minkejja l-fatt li l-miżuri meħuda huma komprensivi u jinkludu l-introduzzjoni tax-xogħol bix-xift biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet barra mill-jum normali tax-xogħol, iż-żieda tan-numru ta' persunal u l-ġhotti ta' akkomodazzjoni lil dan il-persunal, u l-kiri ta' spazju addizzjonali għall-uffiċċji biex jippermetti volum akbar ta' attività ta' liċenzjar b'mod li jkun konformi mal-liġijiet tat-tbeġhid soċjali fis-seħħ biex jittaffa l-impatt ta' COVID-19. Filwaqt li dawn il-miżuri se jgħinu biex ikun hemm ritorn għall-kapaċità normali għall-2021, mhumiex se jkun biżżejjed biex jippermettu li d-DVLA terġa' tibda ġġedded 200 000 liċenzja bbażati fuq il-karta kull xahar bejn Settembru u Diċembru 2020.
- (10) Skont l-informazzjoni pprovduta mir-Renju Unit, l-uffiċċji tad-DVA (l-Irlanda ta' Fuq) ingħalqu fis-27 ta' Marzu 2020 u twaqqaf l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet fuq il-karta. Il-persunal li jaħdem mill-bogħod seta' jipproċessa l-applikazzjonijiet li ġew ippreżentati permezz tal-mezzi online, iżda ma kienx possibbli li jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet fuq il-karta. Id-DVA żiedet gradwalment in-numru ta' persunal li jaħdem fl-uffiċċju, inizjalment biex jipproċessaw l-applikazzjonijiet għall-ħaddiema ewlenin, u kisbet akkomodazzjoni temporanja addizzjonali biex tiżgura li l-persunal li jaħdem fl-uffiċċju jkun jista' jżomm it-tbeġhid soċjali. Parti mill-persunal għadha taħdem mill-bogħod. Filwaqt li r-restrizzjonijiet qed jonqsu, il-limitazzjonijiet li għadhom fis-seħħ ifissru li jibqa' diffiċli għal dawk li għandhom bżonn aċċess għat-tobba biex jimlew il-forom mediċi b'appoġġ għall-applikazzjoni tal-liċenzja tas-sewqan tagħhom. Bħal fil-każ tad-DVLA, kull introduzzjoni mill-ġdid tar-restrizzjonijiet ikollha impatt ulterjuri fuq il-kapaċità tad-DVA li tipproċessa l-applikazzjonijiet.
- (11) Skont l-informazzjoni pprovduta mir-Renju Unit, fattur ieħor li jħalli impatt fuq ir-ritorn għan-normalità huwa li ħafna sewwieqa ma setgħux japplikaw biex iġeddu l-liċenzji tagħhom. F'Marzu 2020, ċerti gruppi ta' persuni, inkluż dawk li huma meqjusa partikolarment friskju ta' mard serju mill-COVID-19 jew li huma klinikament vulnerabbli ħafna, ġew avżati jadottaw għadd ta' miżuri aktar strinġenti biex jiżolaw lilhom infushom mill-oħrajn. Dan ifisser li dawn is-sewwieqa ma setgħux jiksbu l-karti meħtieġa jew jgħaddu mill-valutazzjonijiet mediċi biex iressqu applikazzjoni fuq il-karta għat-tiġdid tal-liċenzji tas-sewqan tagħhom. Filwaqt li r-restrizzjonijiet qed jonqsu fir-Renju Unit u s-sewwieqa qed ikunu jistgħu jergħu jibded iwettqu aktar attivitàjiet ta' kuljum, għad hemm numru ta' limitazzjonijiet. Dan ifisser li xi wħud minn dawn is-sewwieqa għadhom ma jistgħux jipprovdu d-dokumentazzjoni meħtieġa biex iressqu applikazzjoni għat-tiġdid valida. Barra minn hekk, ir-restrizzjonijiet qed jonqsu b'pass differenti fin-nazzjonijiet differenti tar-Renju Unit u dan jikkomplika aktar is-sitwazzjoni.
- (12) Skont l-informazzjoni pprovduta mir-Renju Unit, jista' jkun li l-persuni ta' 70 sena jew aktar u dawk li għadhom ċerti kundizzjonijiet mediċi sottostanti jkun jixtiequ jimminimizzaw il-kuntatt ma' oħrajn u jippreferu li ma jżurux l-Uffiċċji Postali jew il-kabini tar-ritratti sabiex jiksbu d-dokumentazzjoni meħtieġa biex jimlew applikazzjoni stampata. Għall-perjodu ta' bejn Settembru 2020 u l-31 ta' Diċembru 2020, huwa previst li se jkun hemm 650 000 sewwieq ta' 70 sena jew aktar li se jkollhom bżonn iġeddu l-liċenzja. Dan ifisser li mingħajr estensjoni oħra, minn Settembru 2020 xi wħud minn dawn is-650 000 sewwieq jistgħu jtilfu d-dritt tagħhom li jsuqu.

- (13) Fir-rigward tat-tlestija ta' kontrolli perjodiċi għas-sewwieqa tal-ferroviji skont id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^(?), ir-Renju Unit jikkunsidra li x'aktarx din se tibqa' imprattikabbli wara l-31 ta' Awwissu 2020, għall-inqas għal xi sewwieqa tal-ferroviji.
- (14) Skont l-informazzjoni pprovduta mir-Renju Unit, numru sinifikanti ta' kontrolli mediċi perjodiċi għas-sewwieqa tal-ferroviji ġew sospiżi bejn is-26 ta' Marzu 2020 u l-4 ta' Lulju 2020, minħabba l-kontrolli stretti li ġew stabbiliti mill-Gvern biex jiġi evitat it-tixrid tal-COVID-19. Ir-restrizzjonijiet bdew jittaffew fil-bidu ta' Mejju 2020, u minn dak iż-żmien reġġu bdew il-kontrolli mediċi perjodiċi b'mod gradwali. Ir-Renju Unit ħareġ gwida dwar kif jenħtieġ li jsiru l-kontrolli perjodiċi filwaqt li jiġu applikati l-miżuri li għaddejjin għall-kontroll tal-COVID-19. Madankollu, filwaqt li t-taffija tar-regoli ta' tbeġhid soċjali ppermetta li jitlestew xi kontrolli perjodiċi, is-sospensjoni ta' ħafna appuntamenti ppjanati bejn Marzu 2020 u Lulju 2020 wasslet għal akkumulazzjoni ta' kontrolli mediċi li għandhom iridu jitlestew.
- (15) Skont l-informazzjoni pprovduta mir-Renju Unit, l-akkumulazzjoni ta' dawk il-kontrolli mediċi (differiti) tfisser li se jkun meħtieġ li jitwettqu 162 kontroll mediku perjodiku addizzjonali kull xahar minbarra l-medja ta' 250 kontroll mediku sal-aħħar ta' Diċembru 2020. Dan se jpoġġi piż addizzjonali fuq l-volumi ta' xogħol għat-tobba u l-kliniċi li jwettqu dawn il-kontrolli perjodiċi, filwaqt li jirrikjedi lis-sewwieqa tal-ferroviji jivvjaġġaw distanzi sinifikanti biex imorru fiċ-ċentri mediċi, jekk jiġu introdotti miżuri ta' lockdown speċifiċi fil-lokalità tagħhom.
- (16) Skont l-informazzjoni pprovduta mir-Renju Unit, fil-qafas tal-proċeduri stabbiliti għall-kontroll tal-idoneità medika u l-kompetenza tas-sewwieqa tal-ferroviji, jistgħu jiġu indirizzati inqas każijiet mis-soltu, minħabba r-restrizzjonijiet ta' tbeġhid soċjali u r-rekwiżiti addizzjonali ta' tindif. Dan iżid id-diffikultà biex tiġi ġestita l-akkumulazzjoni tal-kontrolli perjodiċi differiti. Barra minn hekk, jista' jkun mistenni li numru ta' sewwieqa tal-ferroviji mhux se jkunu jistgħu jmorru fi klinika jew f'ċentru għat-taħriġ minħabba l-vulnerabbiltà klinika tagħhom sakemm il-COVID-19 jibqa' preżenti fil-popolazzjoni usa'.
- (17) Għalhekk, jenħtieġ li r-Renju Unit jiġi awtorizzat japplika estensjoni għall-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 kif speċifikat fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2020/698 u l-perjodu ta' seba' xhur, kif speċifikat f'dak l-istess Artikolu. Jenħtieġ li r-Renju Unit jiġi awtorizzat japplika estensjoni ta' erba' xhur għall-perjodu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 kif speċifikat fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2020/698,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Renju Unit huwa awtorizzat li japplika l-estensjonijiet li ġejjin għall-perjodi speċifikati fl-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2020/698:

- (a) estensjoni ta' erba' xhur għall-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 kif speċifikat fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2020/698;
- (b) estensjoni ta' erba' xhur għall-perjodu ta' seba' xhur speċifikat fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2020/698;
- (c) estensjoni ta' erba' xhur għall-perjodu bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Awwissu 2020 kif speċifikat fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2020/698.

(?) Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007 p. 51).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Awwissu 2020.

Għall-Kummissjoni
Adina-Ioana VALEAN
Membri tal-Kummissjoni
